MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 15/2005

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Tghid ghaliex intom konvenuti m’ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta’ erba’ mija u sitta u tletin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu **(Lm436.42)** flimkien ma’ l-imghax legali fuq tali ammont mid-data li fiha saru x-xogholijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament liema ammont jirraprezenta xoghol li gia sar fuq makkinarju u a beneficcju taghkom jew min minnkom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minnissa intom konvenuti diga intom ingunti.”

Ra r-risposta ta’ Salvu Ellis kemm f’ismu proprju etc (vide fol 11)li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, il-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-kumpanija A.F.Ellis (Marble)Limited huma infondati fid-dritt u fil-fatt, peress illi l-ewwel lok din il-

kumpanija m atezistix, u fit-tieni lok, il-kumpanija illi fiha l-esponenti huwa azzjonist maggjoritarju , A.F. Ellis (Marble Works) Limited, meta l-allegat xoghol sar, il-kumpanija lanqas kienet ezistenti;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Salvu Ellis ma jistax jinsab personalment responsabbli ghal xi pagamnet illi sar a beneficcju tal-kumpannija A.F. Ellis Limited, peress illi huwa dakinhar kien direttur u azzjonista tal-kumpanija, u ghaldaqstant , id-djun tal-kumpanija jithallsu mill-fondi tal-kumpannija u mhux mill-azzjonisti personalment;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ghandux ibati spejjez peress illi din il-kawza fil-konfront tieghu saret inutilment peress illi huwa dejjem sahaq mal-attur illi huwa lest illi pro bono pacis u sabiex jevita kwistjoijiet jhallas nofs l-ammont illi qieghed jippretendi l-attur, anki minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-atur illi jitlob il-hlas tal-bilanc minghand kull min jidhirlu illi huwa responsabbli ghall-hlas, u l-attur qatt ma accetta illi jithallas nofs l-ammont.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra r-risposta ta’ Dr Joseph Ellis u Tonio Elli etc (vide fol 14) li tghid hekk:

“Fl-ewwel lok, il-konvenuti Dr. Joseph u Tonio Ellis m’humiex il-legittimi kontraditturi ta’ l-attur li qatt ma nkarikawlu iwettaq xi xoghol.

Fit-tieni lok, l-anqas bhala ufficjali tas-socjeta’ “A.F. Ellis Ltd.” Ma nkarigaw lill-attur iwettaq xi xoghol u kwalunkwe inkarigu illi l-attur seta’ nghataw gie moghti mid-direttur l-iehor tal-istess socjeta’ “A.F. Ellis Ltd.” ad insaputa taghhom u minghajr u minghajr ma’ kellu awtorizzazzjoni taghhom. Ghaldaqstant tali inkariku ma’ jorbotx lis-socjeta’ konvenuta “A.F. Ellis Ltd” izda ghandu jirrispondi ghalih min tal-istess inkariku.

Fit-tielet lok, irid jigi rilevat illi meta s-socjeta' konvenuta "A.F. Ellis Ltd." ma baqghetx topera aktar, ghal habta ta' Frar 2001, l-attur ma kienx ghadu pprezenta l-kont li tieghu qed jippretendi l-hlas tieghu b'din l-azzjoni. Ix-xoghol li kien wettaq kien fuq makni ta' l-irham illi minn Frar 2001 'il quddiem waqghu fil-pussess esklussiv tal-konvenut l-iehor, Salvu Ellis u sussegwentement ,id-ditta tieghu "A.F. Ellis (Marble Works) Ltd.". Il-kont ta' xoghol li l-attur kien wettaq precedentement fuq dawn il-makni u illi kien hemm fuq il-kotba tas-socjeta' "A.F. Ellis Ltd." Gew assunti mill-imsemmi Salvu Ellis meta ha l-pussess ta' l-istess makni u thallsu minnu. Meta l-attur, wara Frar 2001, ipprezenta l-kont oggett tal-azzjoni odjern aghall-hlas, l-istess Salvu Ellis ippretenda illi jhallas biss nofs dan il-kont u n-nofs l-iehor jithallas mill-konvenuti l-ohra Dr. Joseph u Tonio Ellis u ohrajn. Kieku l-attur ipprezenta l-kont ghax-xogholijiet li twettqu qabel Frar 2001 meta l-istess Salvu Ellis ha l-pussess ta' dawn il-makni, kieku tali kont kien  jithallas kollu minnu kif gara fil-kaz tal-kont precedenti. Il-konvenuti Dr. Joseph u Tonio ahwa Ellis qatt ma' kienu  jispiccaw ihallsu nofs dan il-kont ghaliex il-beneficcju tax-xoghol imwettaq mill-attur qed jigi gawdut esklussivament mill-konvenut l-iehor, Salvu Ellis u sussegwentement, mid-ditta tieghu "A.F. Ellis (Marble Works) Ltd.". ghaldaqstant , dan it-Tribunal ghndu jaqta' dan il-kaz skond l-ekwita' u jillibera kemm il-konvenuti Dr. Joseph u Tonio ahwa Ellis kif ukoll is-socjeta' "A.F. Ellis Ltd" mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet premessi u anke peress illi fir-rigward ta' din is-socjeta'  ta' l-ahhar, dina giet sposseduta mill-makni illi fuqhom twettqu x-xogholijiet li ghalihom qed jigi reklamat dan il-hlas."

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra

Jirrizulta li x-xoghol esegwit mill-attur kien fuq inkariku tas-socjeta' konvenuta A.F. Ellis Limited. Fil-fatt ix-xoghol gie esegwit  fil-fabbrika ta' din is-socjeta u li tinstab fil-Qasam Industrija tax-Xewkija, Ghawdex, l-istess bhal hafna xogholijiet simili li esegwixxa l-attur fuq inkariku tal-istess socjeta' qabel il-bicca xoghol mertu ta' din il-kawza u ta'

liema xoghol l-attur kien dejjem jithallas mill-istess socjeta' bla problemi ta' xejn.

Ix-xoghol gie esegwit bejn il-11 ta' Jannar 2000 sas-6 ta' Frar 2001 (ara fol 22). Il-kont tal-attur igib id-data ta' l-10 ta' Frar 2001. Ftit xhur wara, fis-16 t'April 2001 (ara fol 48) giet iffirmata skrittura privata li permezz taghha l-assi u d-debiti tal-kumpannija gew divizi bejn u assenjati lil kumpanniji ohrajn tad-diretturi tas-socjeta' A.F. Ellis. Il-fabbrika tax-Xewkija fejn esegwixxa xogholu l-attur giet assenjata lis-socjeta' konvenuta A.F. Ellis (Marble Works) Limited.

Jidher li effettivament l-imsemmija skrittura kienet sempliciment tirrikonoxxi dak li kien *fait accompli* billi l-azzjonisti tas-socjeta A.F. Ellis Limited kienu ilhom zmien jahdmu separatament f'dipartimenti differenti tal-kumpannija.

B'danakollu, is-socjeta' A F Ellis Limited baqghet sallum ma gietx likwidata.

Il-konvenuti Salvu Ellis u A.F. Ellis (Marble Works) Limited eccepew li huma kellhom ihallsu biss nofs il-kont tal-attur filwaqt li l-konvenuti l-ohrajn kellhom ihallsu n-nofs l-iehor. Min-naha taghhom Dr Joseph Ellis u Tonio Ellis, jikkontendu li Salvu Ellis u/jew A F Ellis (Marble Works) ghandhom ihallsu l-kont kollu huma u dan fl-ispirtu tal-ftehim bejn id-diretturi tas-16 t'April 2001 fuq imsemmi.

L-eccezzjonijiet imsemmija ma jregux. Ir-relazzjoni guridika tal-attur kienet biss, kif diga nghad, mas-socjeta A.F. Ellis Limited. Hija din is-socjeta li hija l-unika legittima kontradittur ghat-talba tieghu u ghalhekk kwalunkwe eccezzjoni ohra maghmula mill-konvenuti l-ohrajn ma tista' tregi ghas-semplici raguni li m'humiex legittimi kontradituri. It-Tribunal jista' jieqaf hawn bir-ragunament tieghu. Izda jixtieq izid li dak li qeghdin jittentaw jaghmlu l-partijiet huwa li jistiednu lil dan it-Tribunal jidhol fir-relazzjonijiet interni ta' bejn l-azzjonisti tas-socjeta' A.F. Ellis Limited u jiddeciedi t-tilwima li hemm bejniethom dwar min minnhom ghandu jhallas il-

kont. Effettivament dawn m'humiex veri eccezzjonijiet, imma jikkostitwixxu talbiet rikonvenzjonali bejn zewg konvenuti – haga li skond gurisprudenza kostanti mhix permessa ta ht il-Kap 12. – ara **Gasan Insurance Agency Limtied vs Simon Soler u Paul Vella – Qorti tal-Appell (Inferjuri) – Onor. Philip Sciberras deciza fit-22 ta' Novembru 2002.** Huwa minnu li r-regoli tal-Kap 12 ma japplikawx ghat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghajr fejn dawn jigu espressament applikati, izda jidher li l-legislatur ried japplika l-istess regoli. Dan huwa desunt mir-Regoli dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (A.L. 145/95 kif sussegwentement emendat), li jaghti l-fakolta' lill-konvenut li jaghmel kontro-talba **kontra l-parti li taghmel it-talba (para 4(1)(b) tal-istess avviz legali).** Dan jeskludi li ssir kontro-talba minn konvenut kontra konvenut iehor.

Il-konvenuti la kkontestaw li x-xoghol sar u l-anqas ikkontestaw il-*quantum.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenuti kollha ghajr is-socjeta' kummercjali A.F. Ellis Limited mill-osservanza tal-gudizzju u jilqa' t-talba tal-attur biss fil-konfront tal-istess A.F. Ellis Limited billi jikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' LM436.42c prezz ta' xogholijiet esegwiti mill-attur fuq inkariku tal-istess socjeta' kif indikat fl-avviz tat-talba bl-imghax legali mid-data li fiha saru l-istess xoghlijiet sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Is-socjeta konvenuta AF Ellis Limited ghandha tissopporta l-ispejjez kollha ta' din il-kawza hlief ghal dawk tal-konvenuti l-ohrajn li ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------